MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 1912/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**Zorin Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75), hlas ta’ servizzi ta’ approvazzjoni ta’ tip dwar taghmir tat-telekomunikazzjoni li gie pprovdut mis-socjeta attrici.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta (fol. 7) u li permezz taghha kkontestat il-kawza:

1. Illi l-attur ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-konvenut u kwindi t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

2. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-attur ma esegwiex il-funzjonijiet li taghhom jista' jitlob hlas skond il-ligi.
3. Illi l-ligi tipprovdi ghal pagament ghal servizz ta' Type Approval biss. Kwindi ma jaghmilx sens legali apparti li huwa inekwu li jigi mitlub hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu ikun diga' sar l-hekk imsejjah Type Approval.

Ikkunsidra:

1. Illi b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, dan it-Tribunal kif presjedut diga' kellu l-opportunita jiddikjara li tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti (ara f'dan is-sens sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Maltacom plc vs ICL Limited** [Avviz numru 1847/01AE) u deciza fl-4 ta' Gunju 2002.

2. It-Tribunal semgha lill-Inginier Joseph Agius, impjegat mas-socjeta attrici, jikkonferma:

a. Id-dokumenti JA1 u JA2;
b. Li fil-kaz in kwistjoni l-apparat kien jikkonsisti f'modems;
c. Li l-merkanzija in kwistjoni gie ttestjat u ccertifikat li huwa konformi ma' l-*istandards*. Is-socjeta attrici tat l-awtorizazzjoni taghha sabiex din tkun tista' tigi rilaxxata mill-Kontrollur tad-Dwana.
d. Li l-hlas dovut lis-socjeta attrici kien ta' zewg terzi dak indikat fid-dokument JA2, u dan skond ftehim li kien intlahaq bejn is-socjeta attrici u r-Regolatur.

3. Is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda provi. Skond l-Artiklu 13 tal-Kap. 380, meta konvenut jonqos li jidher ghas-smiegh tal-kawza,*"il-Gudikatur ghandu jisma' u jaqta' l-kawza fl-assenza tal-konvenut"*.

4. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz jirrizulta li servizz gie provdut mis-socjeta attrici u t-talba giet ippruvata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm34.50), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**